



Kunsill
tal-Unjoni Ewropea

Brussell, 18 ta' Mejju 2021
(OR. en)

8564/21

LIMITE

SAN 277
PHARM 78
COVID-19 191
PROCIV 48

Fajl Interistituzzjonali:
2021/0120 (NLE)

ATTI LEĠISLATTIVI U STRUMENTI OĦRA

Suġġett: DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL dwar il-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni Ewropea fl-erbgħa u sebgħin sessjoni tal-Assemblea Dinjija tas-Saħħa

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL (UE) 2021/...

ta' ...

**dwar il-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni Ewropea
fl-erbgħa u sebgħin sessjoni tal-Assemblea Dinjija tas-Saħħa**

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 168(5), flimkien mal-Artikolu 218(9), tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mill-Kummissjoni Ewropea,

Billi:

- (1) It-tieni subparagrafu tal-Artikolu 21(1) tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea jistipula li l-Unjoni għandha tfittex li tiżviluppa relazzjonijiet u tibni sħubiji mal-pajjiżi terzi u mal-organizzazzjonijiet internazzjonali, reġjonali jew globali li jikkondividu l-prinċipji msemmija fl-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 21(1). Dak it-tieni subparagrafu jistipula wkoll li l-Unjoni għandha tippromwovi soluzzjonijiet multilaterali għal problemi komuni, b'mod partikolari fil-qafas tan-Nazzjonijiet Uniti.
- (2) Taħt l-Artikolu 168(3) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE), l-Unjoni u l-Istati Membri għandhom jikkultivaw koperazzjoni ma' pajjiżi terzi u mal-organizzazzjonijiet internazzjonali kompetenti fl-isfera tas-saħħa pubblika.
- (3) Il-Kostituzzjoni tal-Organizzazzjoni Dinjija tas-Saħħa ("il-Ftehim") daħlet fis-seħħ fis-7 ta' April 1948.
- (4) Taħt l-Artikolu 60 tal-Ftehim, l-Assemblea Dinjija tas-Saħħa tista' tadotta deċiżjonijiet b'maġġoranza tal-Membri tal-Organizzazzjoni Dinjija tas-Saħħa (WHO) preżenti u li jivvutaw.
- (5) L-Assemblea Dinjija tas-Saħħa, matul l-erbgħa u sebgħin sessjoni tagħha li tibda fl-24 ta' Mejju 2021, trid tadotta deċiżjoni dwar l-istabbiliment ta' Laqgħa Intergovernattiva biex tabbozza u tinnegoza Konvenzjoni Qafas tad-WHO dwar l-Istat ta' Tħejjija u r-Rispons għall-Pandemiji.

- (6) Huwa xieraq li tiġi stabbilita l-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni fl-Assemblea Dinjija tas-Saħħa billi d-deċiżjoni tal-Assemblea Dinjija tas-Saħħa se tiddetermina l-abbiltà tal-Unjoni, flimkien l-Istati Membri tagħha, li tipparteċipa fl-abbozzar u fin-negozjar ta' Konvenzjoni Qafas tad-WHO dwar l-Istat ta' Tħejjija u r-Rispons għall-Pandemiji u li potenzjalment issir Parti għaliha bħala Organizzazzjoni Reġjonali għall-Integrazzjoni Ekonomika.
- (7) Il-parteeipazzjoni tal-Unjoni fl-abbozzar u fin-negozjar ta' Konvenzjoni Qafas tad-WHO dwar l-Istat ta' Tħejjija u r-Rispons għall-Pandemiji u l-adeżjoni possibbli tagħha mal-Konvenzjoni addizzjonalment għall-Istati Membri tal-Unjoni se jikkontribwixxu biex tizzied il-kooperazzjoni internazzjonali fi ħdan is-sistema tan-Nazzjonijiet Uniti fir-rispons għall-pandemiji.
- (8) F'konformità mal-Artikolu 168(7) tat-TFUE, ir-responsabbiltajiet tal-Istati Membri fir-rigward tad-definizzjoni tal-politika tas-saħħa tagħhom, kif ukoll tal-organizzazzjoni u l-għoti ta' servizzi tas-saħħa u tal-kura medika, għandhom ikunu rispettati matul il-proċess tan-negozjati.
- (9) Il-pożizzjoni tal-Unjoni għandha tiġi espressa mill-Istati Membri tal-Unjoni li huma membri tal-Assemblea Dinjija tas-Saħħa,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Il-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni fl-erbgħa u sebgħin sessjoni tal-Assemblea Dinjija tas-Saħħa għandha tkun kif ġej:

L-Unjoni Ewropea tappoġġa l-istabbiliment ta' proċess tal-Organizzazzjoni Dinjija tas-Saħħa għal Konvenzjoni Qafas ġdida dwar l-Istat ta' Tħejjija u r-Rispons għall-Pandemiji u għandha, fil-kompetenza tal-Unjoni, titħalla tipparteċipa bħala Parti Kontraenti għal tali trattat.

Id-deċiżjoni tal-Assemblea Dinjija tas-Saħħa li tistabbilixxi l-aspetti proċedurali tan-negozjati għandha tippermetti l-parteeipazzjoni tal-Unjoni fil-proċess tan-negozjati li jindirizza materji li jaqgħu fil-kompetenza tal-Unjoni, fid-dawl tal-adeżjoni possibbli tal-Unjoni mal-Konvenzjoni bħala Organizzazzjoni Reġjonali għall-Integrazzjoni Ekonomika.

Tali parteċipazzjoni għandha tinkiseb permezz tal-inklużjoni ta' referenzi speċifiċi fil-formulazzjoni tat-test tad-deċiżjoni li jiċċaraw li kwalunkwe korp intergovernattiv stabbilit biex jabbozza u jinnegozja l-Konvenzjoni għandu jkun miftuħ għall-parteeipazzjoni ta' Organizzazzjonijiet Reġjonali għall-Integrazzjoni Ekonomika.

Artikolu 2

Il-pożizzjoni msemija fl-Artikolu 1 għandha tiġi espressa mill-Istati Membri tal-Unjoni li huma membri tal-Organizzazzjoni Dinjija tas-Saħħa, filwaqt li jaġixxu b'mod konġunt fl-isem l-Unjoni.

Artikolu 3

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fid-data tal-adozzjoni tagħha.

Magħmul fi Brussell,

Għall-Kunsill

Il-President
